*Il-liġi titlob biss żewġ prerekwiżiti għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni:*
*jedd prima facie u l-periklu li r-rikorrent ma jkunx jista' jesegwixxi d-dritt*
*tiegħu fl-eventwalita` ta' pronunzjament favorevoli għalih f'sentenz fil-mertu.*
*-xi tfisser 'prima facie'*
*-mhux meħtieġ li r-rikorrent jipprova li se jsofri preġudizzju irrimedjabbli*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## ONOR. IMĦALLEF

## GRAZIO MERCIECA LL.D.

**Mandat t'inibizzjoni numru 835/19 GM**

**Noel Mallia 0041672M**

**vs**

**Paul Cachia u Lawrence Micallef 908847(M)**

**Il-Qorti:**

**Rat ir-rikors għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni ippreżentat fl-24 ta' Ġunju 2019 biex l-intimati ma jissoktawx bi, u ma jippermettu bl-ebda mod l-operazzjoni ta' armar, kiri u/jew użu ta'** *deckchairs, sunbeds* u/jew umbrelel, jew servizzi kwalunkwe ġewwa l-bajja ta' *Pretty Bay*, Birzebbugia;

Rat ir-risposta ta' Paul Cachia tat-3 ta' Lulju 2019[1];

Rat ir-risposta ta' Lawrence Micallef tal-24 ta' Lulju 2019[2];

Rat id-dokumenti esibiti;

Semgħet ix-xhieda ta' Karl Borg, rappreżentant tal-Awtorita` tal-Artijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat li fis-seduta tat-30 ta' Lulju 2019 l-atti ġew imħollija għad-digriet kamerali;

Ikkunsidrat:

Illi din hija proċedura kawtelari. In ġenerali, l-atti kawtelatorji jinħarġu mingħajr ma jkun meħtieġ li qabel ikun hemm sentenza li tippronunzja l-eżistenza ta' dritt favur min jiftaħ kawża, fuq talba – u taħt ir-responsabilita`- ta' kull persuna li tippretendi, tajjeb jew ħażin, li għandha

[1] Fol 16
[2] fol 54

dritt li tkun trid tqiegħed fiż-żgur. Ħafna mill-mandati, bħal dak ta' qbid jew ta' sekwestru, joħorġu *inaudita altera parte*;

Illi l-mandat t'inibizzjoni huwa wkoll wieħed mill-atti kawtelatorji. L-iskop tiegħu "**hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat**"[3]. Kuntrarjament għal atti kawtelatorji oħrajn, dan il-mandat ma jinħariġx fuq is-sempliċi asserzjoni ġuramentata tal-pretiż kreditur. Il-liġi titlob xi ħaġa iktar minn hekk: l-intimat irid jiġi nnotifikat bir-rikors u bħala regola ġenerali jingħata għaxart (10) ijiem biex jippreżenta risposta. Il-Qorti trid, tappunta r-rikors għas-smiegħ, "**tisma' kull xhieda li jidhrilha xierqa"** u tiddeċiedi r-rikors "fl-iqsar żmien possibbli iżda mhux iktar tard minn xahar mill-ġurnata li ġie preżentat u maħluf il-mandat u l-partijiet ġew debitament notifikati"[4];

Illi fil-każ ta' mandat t'inibizzjoni, it-tutela kawtelatorja tikkonsisti f'konjizzjoni mħaffa u għalhekk sommarja. Ma tipprovdix deċiżjoni li taqta' l-mertu imma tagħti provvediment li jiggarantixxi li l-intervall tas-sentenza ordinarja fil-mertu ma jxellifx, jew saħansitra jġib fix-xejn, is-sodisfazzjon tad-dritt tal-attur, jekk jirriżulta li tassew jeżisti. Għalhekk il-provvediment kawtelari għandu dimensjoni ipotetika. Kif ingħad mill-Qorti ta' Milan:

> "Le caratteristiche del procedimento cautelare, singolare per i tempi di attuazione, ridotte possibilita` di contraddittorio e sommarieta` degli accertamenti, sono incompatibili con approfondite indagini circa una concreta valutazione dei comportamenti, i quali possono essere valutati in tale sede solo in astratto[5]";

---

[3] Art. 873(1) KOPĊ
[4] Art. 875(3) KOPĊ
[5] Trib. Milano 5-11-07, ord. iċċitata fil-*Commentario Breve al Codice de Procedura Civile – Complemento Giurisprudenziale* – F. Carpi & M. Taruffo, ediz. 2011

Illi l-liġi tgħid ukoll li "**Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet**"[6];

Illi minn dawn il-kliem testwali tal-liġi, jirriżulta li huma dawn iż-żewġ elementi li l-leġislatur irid li jiġu sodisfatti għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni – xejn iżjed u xejn inqas;

**L-ewwel rekwiżit: dritt *prima facie***:

Illi l-element tal-*prima facie* ġie ttrattat bosta drabi minn dawn il-Qrati. Fl-istadju tal-mandat, il-proċess ta' konjizzjoni tal-mertu jkun għadu ma bediex. Kif għadu kif ingħad, il-pretensjoni tar-rikorrent tkun għadha f'limbu ipotetiku. Dan ma jfissirx, iżda, li kull pretensjoni ta' dritt tiġi kkawtelata, b'mod li jinfetħu beraħ il-bibien għal indħil tal-organi ġudizzjarji fl-isfera ġuridika ta' suġġett li f'dak l-istadju ma jkunx għadu ġie ddikjarat li kiser xi obbligazzjoni. Li kieku kien hekk, il-liġi proċesswali tkun qiegħdha tagħti lok għal abbużi, strumentalizzazzjonijiet, u saħansitra rikatti;

Illi għalhekk jinħtieġ li jintlaħaq livell minimu ta' plawżibilita` għall-pretenzjoni tar-rikorrent kawtelari, li tidher mad-daqqa t'għajn jew għallinqas abbażi ta' konjizzjoni sommarja li tista' ssir mingħajr dewmien.

---

[6] Art 873(3) KOPĊ

Ikun għalxejn li r-rikorrent juri li sejjer ikun espost għal periklu, kbir kemm ikun kbir, jekk ma jilħaqx dan il-livell;

Illi dan il-livell ta' skrutinju fil-kamp tat-tutela kawtelari tradizzjonalment jissejjaħ, f'sistemi ritwali kontinentali, *fumus boni iuris*, frażi ferm evokattiva. Uħud mill-kittieba tal-liġi jgħidu li *fumus* tfisser li biżżejjed li jkun hemm il-konvinzjoni li jkun hemm **possibilita`** li s-sentenza li eventwalment tingħata takkorda d-dritt pretiż mir-rikorrent; oħrajn jgħidu li jrid ikun hemm **verosimiljanza**; oħrajn il-**probabilita`**; u hemm min isostni li jrid jintlaħaq **grad minimu ta' ċertezza**[7]**;**

**Illi l-Qrati Taljani ppronunzjaw ruħhom b'dan il-mod fir-rigward tal-grad rikjest ta' ċertezza fi proċedimenti kawtelatorji:**

"La verifica della ricorrenza della condizione del *fumus boni iuris* implica escusivamente la formulazione di un **giudizio di probabilita`** in ordine all'**eventuale fondatezza** della pretesa impugnata; giudizio necessariamente **sommario**, da svolgersi allo stato degli atti e risolventesi nella comparazione tra l'**attendibilita`** delle prospettazioni svolte dalle parti in conflitto"[8];

"Presupposto della tutela cautelare e` che il diritto fatto valere dal ricorrente sia di immediata evidenza e non richieda **complessi e approfonditi accertamenti istruttori**, incompatibili con il carattere sommario della procedura urgente"[9];

---

[7] din tal-aħħar hija l-opinjoni tal-Carratta, *Profili Sistematici della tutela anticipatoria* 97, 308 s. Iċċitata *Commentario Breve al Codice de Procedura Civile*– F. Carpi & M. Taruffo, – *Settima Edizione* 2012 fil-kumment dwar Art. 669 tal-kodiċi ta' proċedura Taljan, paġna 2438

[8] Trib.Napoli 6-6-95, ord., *F.it* 97, I, 2199 rapportata fil-*Commentario Breve al Codice de Procedura Civile – Complemento Giurisprudenziale* – F. Carpi & M. Taruffo, ediz. 2011 dwar Art. 669 bis. tal-kodiċi tal-proċedura Taljan, paġna 3073

[9] Trib. Milano 23-2-05, ord., *G. D.* fasc. 45, 48

Illi l-liġi tagħna, differentement mid-dottrina u ġurisprudenza Taljana – tuża l-frażi "*prima facie*". Il-**Black's Law Dictionary**[10] jagħti din id-definizzjoni ta' *prima facie*":

> "Lat. At first sight; on the first appearance; on the face of it; in so far as can be judged from the first disclosure; presumably; a fact presumed to be true unless disproved by some evidence to the contrary. State ex rel. Herbert v. Whims, 68 Ohio App. 39, 38 N.E. 2d 596, 599";

**Illi l-istess dizzjonarju forensi mbagħad jagħti din id-definizzjoni ta' "*prima facie case*":**

> "Such as will suffice until contradicted and overcome by other evidence… "A litigating party is said to have a *prima facie* case when the evidence in his favour is sufficiently strong for his opponent to be called on to answer it. **A *prima facie* case, then, is one which is established by sufficient evidence, and can be overthrown only by rebutting evidence adduced on the other side.** [11] See State v Hardelein, 169 Mo. 579, 70 S.W. 130; State v Lawlor, 28 Minn. 216, 9 N.W. 698";

Illi l-Qrati tagħna għamlu diversi attentati biex jiddefenixxu l-kunċett tal-prima faċie. F'sentenza minnhom, il-Qorti għamlet dan l-eżerċizzju billi sempliċiment ittraduċiet il-frażi mil-Latin għall-Malti, anke jekk bil-Malti, il-frażi tagħti riga li jekk qajla hi definittiva, hija ċara u immedjatament intuwittiva:

> "L-ħtiega li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bhal dan ikollha prima facie jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva

[10] revised 4th edition, 1968
[11] enfasi miżjuda mill-Qorti

u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant. **Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'ghajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix**"[12];

Illi r-rikorrent ipproduċa fl-atti[13] kopja ta' *encroachment permit* maħruġa favurih mill-Awtorita` tal-Artijiet. Esebixxa wkoll korrispondenza li turi li l-Awtorita` tterminat l-encroachment favur l-intimati. Mix-xhieda ta' Karl Borg, uffiċjal tal-istess Awtorita` jirriżulta li din hija l-unika *encroachment* li hemm fil-bajja in kwistjoni. Irriżulta li Karl Borg ma rax il-files tal-intimati iżda kkonferma dan biss mill-komputer fejn hemm mappa li turi l-encroachments. Ġew esebiti għadd ta' dokumenti, inklużi applikazzjonijiet u permessi tal-MEPA u riċevuta maħruġa mill-Awtorita` bla ma hemm indikat ta' xhiex inhi. B'danakollu, l-intimati ma pproduċewx document li juri l-konċessjoni tal-encroachment, kif għamel ir-rikorrent u kif kien wisq faċli għalihom li jagħmlu jekk tabilħaqq għandhom din il-konċessjoni. Għall-fini ta' din il-proċedura kawtelatorja, għalhekk, ir-rikorrent ċertament wera, sal-grad ta' *prima facie*, li għandu jedd x'jikkawtela. Dan naturalment ma jfissirx illi l-intimati m'għandhomx eċċezzjonijiet validi x'jagħtu biex jattakkaw il-pretenzjoni tar-rikorrent waqt il-kawża li għandha ssir wara din il-proċedura;

Illi l-abbli avukat difensur tal-intimat Lawrence Micallef enfasizzat li r-rikorrent messu mar jirraporta għand l-awtoritajiet kompetenti u implikat li din il-Qorti m'għandhiex kompetenza. Bir-rispett kollu din il-Qorti dejjem għandha kompetenza sakemm din ma tkunx ġiet legalment svestita minnha espressament mil-leġislatur. Il-fatt li ċ-ċittadin ikollu rimedji oħra ma jfissirx li ma jistax jadixxi għall-ħarsien minn din il-Qorti. Din il-Qorti

[12] Emanuel Bonnici vs Anthony Bartolo degretat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili1 fit-28 ta' Frar 2007.
[13] fol 28, encroachment permit number 51/2015; Tenement E268555

lanqas ma taqbel mal-argumenti mressqin mill-avukati rispettivi tal-intimati li r-rikorrent m'għandhux interess ġuridiku li jwaqqaf lill-intimati mill-operat tagħhom jekk dan jirriżulta illegali. Huwa minnu li bħala regola ġenerali ħadd m'għandu jedd li jitlob li titnehha l-illegalita` ta' ħaddieħor, iżda din tgħodd biss safejn din l-illegalita` ma tikkawżalux dannu – kif allegatament qiegħed jiġri f'dan il-każ;

**It-tieni rekwiżit:** ***periculum in mora***

Illi l-intimati eċċepew li biex it-talba għall-ħruġ tal-mandat tirnexxi, r-rikorrent ried jipprova li sejjer isofri preġudizzju irrimedjabbli. Jargumentaw li dan mhux il-każ għax si tratta ta' telf pekunjarju li allura jista' jiġi rimedjat. **Issa l-liġi ma ssemmix din il-frażi.** Kull ma tesiġi f'dan ir-rigward huwa li l-Qorti tkun sodisfatta li l-mandat ikun "**meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent".** Il-liġi, qabel l-emendi li saru fit-2006, kienet issemmi li mandat kontra l-Gvern u awtoritajiet pubbliċi seta' jinħareġ biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li "**kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat il-preġudizzju li jinħoloq ma jkunx jista' jiġi rimedjat"[14].** F'każijiet "ordinarji", xorta waħda kienet tesiġi, bħallum, li l-mandat ikun "**meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent"[15].** Dan ma jistax ifisser għajr li l-leġislatur ma kienx jikkunsidra dawn iż-żewġ frażijiet bħala ekwivalenti. Kien biss f'każijiet kontra l-Gvern u awtoritajiet pubbliċi oħrajn, ikkunsidrati (tajjeb jew ħażin) ipprivileġġjati mil-leġislatur, li l-istess leġislatur daħħal il-ħtieġa li l-preġudizzju jkun irrimedjabbli. *A contrariu sensu,* ma kien hemm l-ebda ħtieġa bħal din f'każijiet "ordinarji". U billi f'dan ir-rigward id-diċitura tal-liġi ma

[14] Artiklu 873(3) kif kien dak iż-żmien
[15] dak li kien Art. 873(2) KOPĊ

nbidlitx, xorta waħda din m'għandhiex tiġi interpretata fis-sens li r-rikorrent jinħtieglu jipprova li jkun sejjer ibati preġudizzju irrimedjabbli. Għalkemm xi sentenzi ta' dawn il-Qrati jsemmu dan l-element, mhux kollha jagħmlu hekk. B'reazzjoni għal sottomissjoni f'dan is-sens, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) ikkummentat li:

> "Fl-ebda parti tas-sentenza[16] "(iċċitata minn waħda mill-partijiet) "ma jinghad li d-dannu jrid ikun wiehed irrimedjabbli. L-istess jinghad ghad-decizjoni fl-ismijiet **Mario Blackman vs Terence Edward Cossey**[6] deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil- 31 ta' Ottubru 1964 u d-decizjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Sonia Grech pro et noe vs Stephanie Manfre** deciza fl-14 ta' Lulju 1988"[17];

Illi waqt it-trattazzjoni bil-fomm l-abbli avukat tar-rikorrent issottometta li l-mandat huwa meħtieġ għaliex ikollu diffukulta` kbira li jikkwantifika d-danni f'kawża successiva, anke għaliex il-qliegħ li jagħmlu l-intimati jista' jiġi faċilment moħbi billi ma jinħarġu riċevuti fiskali. Sottomissjoni kombattuta bl-ikbar qawwa mill-abbli avukat difensur tal-intimat Paul Cachia. Ir-rikorrent issottometta wkoll illi qiegħed isofri ħsara minħabba kompetizzjoni nġusta. Huwa ħallas somma sostanzjali - €4,000 - biex akkwista l-*encroachment* filwaqt li l-intimati faċilment jistgħu iwaqqgħu il-prezzijiet tagħhom għax dawn l-ispejjeż m'għamluhomx. Fi kliem ieħor jallega li qiegħed jiffaċċja sitwazzjoni ta' kompetizzjoni inġusta. Għal dan iż-żewġ kweżiti twieġeb tajjeb il-ġurisprudenza Taljana:

---

[16] b'riferenza għalsentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Giacomo Galea vs Pio Bezzina** deciza fil-5 ta' Awwissu 1954

[17] Charles Sciberras v John Sciberras 11.06.2007, Qorti tal-Maġistrati (Ghawdex) Superjuri per Onor. Maġ. (illum Imħallef) Anthony Ellul

> “Il *periculum in mora* e` requisito indefettibile di ogni misura cautelare… e si identifica… anche solo nella **difficolta` probatoria** di quantificare il danno nel successivo giudiziario di merito”[18].
>
> “Nei rapporti tra imprenditori… l’esistenza del *periculum in mora* puo` essere desunta dal notevole pregiudizio causato per l’irriversibile alterazione **degli equilibri di mercato** conseguenti allo sviamento della clientela, nonche` per **la impossibilita` o enorme difficolta` di quantificare il pregiudizio stesso”[19];**

Illi l-intimat Lawrence Micallef issottometta li ilu ma jarma fuq il-post in kwistjoni sa mis-sena 2017. Il-Qorti ma tarax li m’għandhiex temmnu. In vista ta’ din id-dikjarazzjoni, il-Qorti mhix sejra toħroġ mandat kontra tiegħu, purke` tabilħaqq mhux qed jarma fil-post *de quo*;

Billi għalhekk jissussistu l-elementi kollha meħtieġa għall-ħruġ ta’ mandat t’inibizzjoni;

Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-24 ta’ Gunju 2019 li permezz tiegħu laqgħet it-talba proviżorjament;

Tilqa’ t-talba, għalkemm fil-konfront biss ta’ Paul Cachia.

It-talba għall-ħruġ ta’ garanzija, magħmula fir-risposta tal-intimat Paul Cachia hija rritwali għax skont Artiklu 838A trid issir b’rikors u għalhekk il-Qorti mhix sejra tieħu konjizzjoni tagħha.

---

[18] Trib. Napoli ord. 20-4-04, *G nap.* 04, 224 iċċitata fil- *Commentario Breve al Codice de Procedura Civile – Complemento Giurisprudenziale* – F. Carpi & M. Taruffo, ediz. 2011 dwar Art. 669 bis. tal-kodiċi tal-proċedura Taljan, paġna 3072

[19] Trib. Bologna, ord. 17-5-06, www.giuraemilia.it riportata *Commentario Breve al Codice de Procedura Civile – Complemento Giurisprudenziale* – F. Carpi & M. Taruffo, ediz. 2011, paġna 3072

Spejjeż ta' Lawrence Micallef a kariku tar-rikorrent; il-bqija huma a kariku tal-intimat Paul Cachia.

Dan id-digriet ġie mogħti kameralment illum, 5 t'Awwissu 2019.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA